MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2004

Numru 793/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Therese Sciberras)**

**Vs**

Wasin A.N. Abdelbagi

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Wasin A.N. Abdelbagi ta' karta ta' identita' numru 2408A, akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer, nhar il-21 ta' Awissu 2004 ghall-habta tas-7:30 a.m. gewwa St Andrew's Road Paceville San Giljan saq van bin-numru tar-registrazzjoni EAG925 tal-marka Ford b'mod perikoluz, bla kont u traskurat.

Fl-istess cirkostanzi naqas li jieqaf u jati id-dritta fuq il-give way sign.

Naqas li jaghmel sinjali meta kien sejjer ibiddel id-direzzjoni tieghu jew qabez vettura ohra.

Meta kien riesaq lejn roundabout naqas jghati id-dritta lit-traffiku iehor li kien qed jaghmel uzu minnha.

Saq l-imsemmija vettura li kienet mghobbija z-zejjed b'passigieri jew lill-passigieri li jingaru fiha jew fuqha jew lil terzi persuni.

Ghamel hsara lil xi persuna u cioe' lil PC670 ufficjal pubbliku inkarigat min dak is-servizz, u akkuzah quddiem awtorita' kompetenti b'reat, filwaqt li kien jaf li dik il-persuna hija innocenti.

Fl-imsemmija data ghal habta tal-10:00 ta' fil-ghodu gewwa l-ghassa ta' San Giljan ingurja u hedded lil PC670 Walter Sheldon persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien ghamel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputat f'din l-ewwel udjenza jirregistra ammissjoni li ppersista fuqha anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikunsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

L-akkuzi 'gravi' kontra l-imputat jirrigwardaw dawk dedotti taht l-Artikolu 101 u 95 tal-Kap 9 kif ipotizzati fis-sitt u fis-seba akkuzi. Hemm ukoll l-offiza ta' sewqan b'mod perikoluz, bla kont u traskurat bi ksur tal-Artikolu 15 tal-Kap 65. L-offizi l-ohra huma ta' natura kontravenzjonali bi ksur ta' diversi regaolamenti taht l-Avviz Legali 128/1994.

Issa hemm ammissjoni tal-imputat maghmula volontarjament u nkondizjonatament.

Fuq l-iskorta ta’ dina l-ammissjoni l-Qorti rat l-fuq citati artikoli tal-ligi u wkoll ir-regolamenti relativi l-Avviz Legali 128/1994 u l-artikolu 55 tal-Kap 65 u tikkundannah multa komplessiva ta’ Lm100 li tordna li jithalsu permezz ta’ zewg pagamenti ta’ Lm50 il-wiehed, l-ewwel pagament sal-ahhar ta’ Novembru 2004 u t-tieni sal-ahhar ta’ Dicembru 2004 altrimenti konvertibbli fi tlett xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------